MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 1205/2011

**Malta Industrial Parks Limited (C 28965)**

**vs**

**Tenderfresh Food Processing Limited (C28216)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Malta Industrial Parks Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta' skrittura privata tal-24 ta' Marzu 2011, kopja ta' liema skrittura tinsab annessa u mmarkata "Dok. A", is-socjeta' konvenuta kkostitwixxiet ruhha veru cert u likwidu debitrici tal-istanti fl-ammont ta' disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€49,126.88);

Tali debitu jirraprezenta kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-fabbrika MRA025A fil-Qasam Industrijali tal-Marsa ghall-perjodu mill-1 ta’ April 2009 sal-31 ta’ Dicembru 2010;

Skont il-precitata skrittura, tali debitu kellu jithallas permezz ta’ rati mensili ta’ elf u hames mitt Ewro (€1,500), b’dan li l-ewwel rata kellha tithallas fl-istess jum meta saret l-iskrittura;

Fit-termini tal-imsemmija skrittura, gie pattwit bejn il-partijiet li kemm il-darba, il-konvenuta tibqa’ moruza fil-hlas ta’ tliet (3) rati mensili jew f’somma ekwivalenti ghal 3 rati mensili, allura s-socjeta’ konvenuta tiddekadi mill-beneficcju tat-terminu;

Inoltre, skont l-imsemmija skrittura, kemm il-darba, il-konvenuta tibqa’ moruza fil-hlas ta’ tliet (3) rati mensili, allura jibqa’ jiddekorri l-imghax bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) u dan b’effett mid-data tal-iskrittura;

Minkejja l-obbligi minnha assunti, is-socjeta’ konvenuta m’ghamlet l-ebda pagament lis-socjeta’ attrici;

Minkejja l-interpellazzjonijiet li sarulha sabiex is-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont minnha dovut u dan anke permezz ta’ ittra tal-4 ta’ Ottubru 2011, kopja ta’ liema tinsab annessa u mmarkata “Dok. B”, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti;

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta hi debitrici tal-istanti fl-ammont ta’ €49,126.88, liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-24 ta’ Marzu 2011;

Dan id-debitu hu cert, likwidu u dovut u ma jikkostitwixxix l-ghemil ta’ fatt;

In vista tas-suespost isegwi li t-talbiet attrici huma esegwibbli kontra s-socjeta’ konvenuta u ghalhekk jirrikorru l-elementi kollha mehtiega sabiex jigi dispensat is-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167 *et seq* tal-Kap. 12 u dan peress illi sa fejn taf l-esponenti, is-socjeta’

konvenuta m'ghandhiex eccezzjoni valida x'tissolleva f'dina l-kawza;

Ir-raguni ta' din it-talba hi li s-socjeta' konvenuta hi debitrici tas-socjeta' attrici tas-somma ta' €49,126.88, liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-24 ta' Marzu 2011 u peress li s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'tissolleva, din il-kawza ghandha tinstema' bil-procedura sommarja specjali.

Talbet is-socjeta' rikorrenti tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12;

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas is-somma ta' €49,126.88, liema debitu hu rikonoxxut permezz tal-iskrittura privata tal-24 ta' Marzu 2011.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru numru .../2011 u bl-imghax mill-24 ta' Marzu 2011 sad-data tal-pagament effettiv u b'rizerva ghal kull jedd ta' azzjoni spettanti lill-istanti ghal kull somma ulterjuri dovuta in linea ta' kumpens ghall-okkupazzjoni ghall-fabbrika MRA025A fil-Qasam Industrijali tal-Marsa, kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Mejju 2012, fejn is-socjeta' intimata giet awtorizzata tipprezenta nota tal-eccezzjonijiet.

Rat li, minkejja dan, l-istess socjeta' intimata naqset milli tressaq risposta.

Semghet lix-xhud Joseph Zammit.

Rat li, ghalkemm awtorizzata tressaq nota tas-sottomissjonijiet, is-socjeta' intimata dan ma ghamlitux.

Ikkunsidrat illi, Joseph Zammit ikkonferma bil-gurament illi l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu kollu dovut. Huwa xehed hekk:

"*Jiena nokkupa l-kariga ta' head of finance ma' Malta Industrial Parks Limited. Nikkonferma illi l-ammont imnizzel fir-rikors promotur, cioe' ta' €49,126.88 ghadu kollu dovut, anzi hemm ammonti ulterjuri issa dovuti. Ma thallas xejn minnu. Jiena naf illi kien sar payment agreement f'Marzu ta' l-2011. Meta kienu saru xi hlasijiet skont il-payment agreement esebit a fol. 5 tal-process, ic-cheques gew lura u ma setghux jissarrfu. Kien hemm diversi tentattivi biex nikkomunikaw ma' l-intimati. Ma waslu imkien.*"

Ikkunsidrat illi fic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti tinsab pruvata sal-grad rikjest mil-ligi u jisthoqqilha li tigi milqugha.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti u tikkundanna lil Tenderfresh Food Processing Limited thallas lil Malta Industrial Parks Limited is-somma ta' disgha u erbghin elf, mija u sitta u ghoxrin Ewro u tmienja u tmenin centezmu (€49,126.88), bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Tenderfresh Food Processing Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------